# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 59/2013 SM**

**Fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili**
**Sede Kostituzzjonali**

**Winnifred mart Mario Gatt**
**(ID 834545 M)**

**vs.**

**Kummissarju tal-Artijiet u**
**Avukat Generali**

**u**

**B'digriet datat iz-17 ta' Lulju, 2014,**
**gew kjamati fil-kawza l-konjugi Mario**
**u Katya Bonello (ID 89274 M u ID 19673 G**
**rispettivament) u l-konjugi Anthony u Doris**
**Bonello (ID 388149 (M) u ID 599850 M rispettivament)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-6 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi ghandha sehem minn tnax, (1/12), indiviz fil-mahzen numru 326 u 328, Triq Zabbar, il-Fgura;

1.2. Illi l-mahzen fuq riferit inbena minn missierha Paul Vella wara li nhareg permess mill-*PAPB* datat it-8 ta' Frar, 1952, li jkopri kemm il-mahzen kif ukoll il-*flats*;

1.3. Illi l-mahzen in dizamina intuza minn negozju ta' Paul Vella:

1.3.1. L-ewwel bl-isem ta' *Saltfish*;

1.3.2. Sussegwentement taht is-socjeta` kummercjali *Transpak Overseas Removals Limited* li ghadha tuzah sallum;

1.4. Illi l-mahzen in dizamina jkompli sejjer ghal fuq Sqaq Rjallu, l-Fgura;

1.5. Illi giet infurmata li certu Bonello ried iwaqqa` parti mill-mahzen biex ikollu access aktar ampju mill-imsemmi sqaq;

1.6. Illi giet infurmata wkoll li l-Gvern hareg avviz fil-Gazzetta tal-Gvern datata l-11 ta' Jannar, 2012, (numru 30 tal-2012), li permezz taghha l-President ta' Malta ddikjara li ried jakkwista porzjon art il-Fgura ta' kejl ta' 39 metru kwadru fejn parti mill-art milquta bl-imsemmi avviz hi parti sostanzjali mill-kantuniera ta' wara tal-imsemmi mahzen;

1.7. Illi l-iskop dikjarat fl-istess avviz ghall-akkwist *de quo* hu dak pubbliku, waqt li fil-fatt l-art in dizamina qeghda tigi akkwistata ghall-beneficcju ta' terza persuna;

1.8. Illi aktar 'il gewwa fl-istess sqaq hemm proprjeta` ohra li qed tigi zviluppata minghajr ma saret esproprijazzjoni;

1.9. Illi ghalhekk qed issir diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti;

1.10. Illi saret taf bl-imsemmi avviz ferm wara l-21 gurnata li dan kien ippubblikat, u li huma stabbiliti biex dan jigi impunjat;

1.11. Illi saret taf bl-istess minn membri tal-familja u mhux ufficcjalment;

1.12. Illi qatt ma xtrat jew qrat il-Gazzetta tal-Gvern u ghalhekk qatt ma bassret li l-proprjeta` kienet ser tigi esproprijata;

1.13. Illi *di piu`*, rari kienet taccedi fuq il-post;

1.14. Illi rizultat tal-istess avviz, ghadda t-titlu tal-proprjeta` favur il-Gvern;

1.15. Illi d-decizjoni tal-esproprju in dizamina saret minghajr ma kien hemm smigh xieraq taghha u minghajr ma' sar minn Tribunal indipendenti u imparzjali;

1.16. Illi l-istess decizjoni ttiehdet unilateralment mill-intimat (Kummissarju tal-Artijiet) a beneficcju tal-Gvern fuq talba ta' terzi interessati;

1.17. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ssofri minn nuqqas ta' *"equality of arms"*;

1.18. Illi *di piu`*, rimedju quddiem il-Bord tal-Arbitragg Dwar Artijiet ma jikkostitwix rimedju xieraq quddiem Tribunal jew Qorti impazjli u indipendenti *stante*:

1.18.1. In-nuqqas t'opportunita` li tadixxi l-istess Bord;

1.18.2. Dawn il-proceduri ma jindirizzawx l-ilmenti taghha;

1.18.3. Ir-rimedju mhux wiehed xieraq, effettiv jew spedit;

1.19. Illi ghalhekk gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha kif sanciti:

1.19.1. Mill-artikli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

1.19.2. L-artiklu 6 u 14 tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali;

1.19.3. L-artiklu 1 Protokoll Numru 1 tal-istess Konvenzjoni Ewropea;

1.20. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.20.1. Tiddikjara li l-intimati kissru u qed ikissru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti bl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 u l-artiklu 1 tal-Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali, (ara Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

1.20.2. Tiddikjara li l-artiklu 6 tal-Kap 88 kif emendat bl-Att XXI tal-2009 jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kontra l-artiklu 6 u l-artiklu 1 tal-Protokoll Numru 1 tal-Kap 319 tal-Ligijiet fuq citati;

1.20.3. Thassar u/jew tannulla ghalhekk l-istess disposizzjonijiet tal-ligi indikati fil-paragrafu precedenti;

1.20.4. Tiddikjara li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija, sakemm tolqot il-proprjeta` mertu tal-kawza, nulla u bla effett, u li f'kull kaz, l-emendi taht l-Att XXI tal-2009 rigward l-artiklu 6 tal-Kap 88 m'ghandhomx jaffettwaw lir-rikorrenti;

1.20.5. Taghti kull ordni u rimedju provizorju *pendente lite* u anke kull ordni u/jew rimedju xieraq u opportun biex jigu kkawtelati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti pendenti din il-procedura;

1.20.6. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu kumpens xieraq u adegwat biex jaghmlu tajjeb ghall-lezjoni

sofferta mir-rikorrenti, komprizi danni morali u danni materjali;

1.20.7. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta datata d-9 t'Awwissu, 2013, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

2.1. Illi fit-18 ta' Jannar, 2011, id-Dipartiment tal-Artijiet ircieva talba minghand *Transport Malta* biex tigi esproprijata l-art in dizamina b'konnessjoni ma twessiegh ta' triq;

2.2. Illi l-esproprijazzjoni *de quo* kellha tkopri parti min-naha ta' wara tal-mahzen 326 u 328, Triq Haz-Zabbar, il-Fgura;

2.3. Illi l-hlas konness ma' dan l-espropriju kellu jsir mill-konjugi Mario u Katya Bonello u Anthony u Doris Bonello *stante* li din kienet *"expropriation at the expense of third parties"*;

2.4. Illi effettivament il-kumpens kellu jithallas lil certu William Vella ghan-nom tas-socjeta` *Transpak Overseas Removals Limited* (C – 3339), sid tal-proprjeta` in kwistjoni;

2.5. Illi in esekuzzjoni tal-istess procedura d-Dipartiment tal-Artijiet segwa l-procedura applikata f'kazijiet simili u informa lill-konjugi Bonello biex jinfurmaw lil sid l-art bil-miktub biex jippruvaw jaslu fi ftehim qabel ma l-Kummissarju tal-Artijiet jibda procedura ghall-esproprju;

2.6. Illi jirrizulta li l-konjugi Bonello baghtu l-ittri indikati fil-paragrafu precedenti lil William Vella ghall-iskop indikat fil-paragrafu precedenti;

2.7. Illi *stante* li l-imsemmi Vella jirrizulta li ma wiegibtx ghas-sejha *de quo*, l-istess konjugi Bonello talbu lid-Dipartiment biex jipprocedi bl-esproprijazzjoni;

2.8. Illi ghalhekk fil-11 ta' Jannar, 2012, inhareg id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li permezz tieghu kien dikjarat li l-art in kwistjoni kienet mehtiega ghal skop pubbliku;

2.9. Illi kopja tal-istess avviz twahhlet mall-post in dizamina, fin-*notice board* tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, u giet ukoll ippubblikata zewg (2) gazzeti lokali;

2.10. Illi permezz t'ittra datata z-19 ta' Jannar, 2012, l-istess Vella kien infurmat bl-esproprijazzjoni u ntalab igib prova tat-titlu tieghu fuq l-art *de quo*;

2.11. Illi permezz ta' rikors datat l-1 ta' Frar, 2012, giet ikkontestata l-ordni ta' esproprijazzjoni ghal skop pubbliku;

2.12. Illi l-procedura indikata fil-paragrafu precedenti kienet deciza fil-31 ta' Mejju, 2013, fejn it-talbiet tar-rikorrenti gew respinti u ghaddiet in gudikat;

2.13. Illi kien biss f'dan l-istadju li r-rikorrenti odjerna intavolat il-procedura odjerna li permezz taghha qeghda terga` tattakka l-istess esproprijazzjoni deciza permezz tal-procedura l-ohra;

2.14. Illi in vista tal-premess:

2.14.1. Ir-rikorrenti ghandha ggib prova tat-titolu fil-proprjeta` *de quo*;

2.14.2. Il-qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha *ai termini* tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li r-rikorrenti m'ezawrietx ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli ghaliha qabel intavolat dawn il-proceduri, senjatament permezz tal-artiklu 6 tal-Kap 88, u dan, anke fil-konfront tar-rimedju *interim* mitlub mill-istess rikorrenti;

2.14.3. Illi ghandhom jigu kjamati in kawza Mario u Katya konjugi Bonello, u Anthony u Doris konjugi Bonello, li favur taghhom saret l-esproprijazzjoni *de quo*, *stante* li l-proceduri odjerni jistghu jirripingu fuq id-drittijiet taghhom;

2.14.4. Illi jissollevaw l-eccezzjoni tal-abbuz tal-process gudizzjarju, u dan meta l-esproprijazzjoni in dizamina gia` giet attakkata minghajr success fil-procedura **William Vella proprio et nomine et vs. Kummissarju tal-Artijiet et** (Rikors Numru 10/2012);

2.14.5. Illi dan jammonta ghal duplicita` tal-proceduri naxxenti mill-istess fatti;

2.14.6. Illi dan jammonta wkoll ghal *forum shopping* biex dak li ma giex ottenut qabel jigi akkwistat bil-procedura odjerna;

2.14.7. Illi *di piu`* il-fatt li r-rikorrenti fil-kawza ta' William Vella kienu ddikjaraw li huma proprjetarji tal-fond meritu tal-procedura odjerna, allura, dawn huma wkoll meqjusa li zvijaw lill-qorti fil-procedura indikata bir-Rikors Numru 10/2012 ghaliex m'ghamlu l-ebda referenza ghall-fatt li seta` kien hemm persuni ohra li kellhom drittijiet fuq l-istess proprjeta`;

2.14.8. Illi l-artiklu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 6 u l-artiklu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ma nkissrux ghaliex:

2.14.8.i. M'hemmx ksur tad-dritt ta' proprjeta` tar-rikorrenti;

2.14.8.ii. L-art in dizamina hi progettata bhala triq;

2.14.8.iii. L-art giet esproprijata fl-interess pubbliku;

2.14.8.iv. Is-sidien kellhom terminu ragonevoli biex jikkontestaw l-espropriju *de quo*;

2.14.9. Illi r-rikorrenti kellha kull opportunita` tkun taf bl-avviz tal-esproprijazzjoni kif elenkat fl-istess risposta in dizamina, (ara foll 20);

2.14.10. Illi l-allegazzjoni li r-rikorrenti saret taf bl-esproprijazzjoni ricentement hi wahda inverosimili;

2.14.11. Illi l-allegazzjoni ta' nuqqas *t' "equality of arms"* ghandha tigi michuda;

2.14.12. Illi r-rimedju prospettat quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg dwar l-Artijiet jikkostitwixxu rimedju xieraq quddiem Tribunal jew Qorti indipendenti u imparzjali;

2.14.13. Illi r-rikorrenti ma ghamlet l-ebda talba specifika rigward l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas biss issosstanzjata;

2.14.14. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.14.15. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu awtorizzat il-kjamata in kawza tal-imsemmija Mario u Katya konjugi Bonello u Anthony u Doris konjugi Bonello, (ara foll 183);

4. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 283), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 295);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-16 ta' Novembru, 2015, (ara foll 285), flimkien ma' dik tal-intimati datata l-1 ta' Frar, 2016, (ara foll 296);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

8. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rizultat tas-suespost, il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti tallega li ghandha sehem ta' wiehed minn tnax, (1/12), indiviz fil-mahzen sitwat fil-fond numru 326 u 328, Triq Haz-Zabbar, il-Fgura, (ara foll 39 u 174);

9.2. Illi mill-istess fond kienet tigi gestita l-impriza bl-isem ta' *"Saltfish Company Limited"* u sussegwentement mis-socjeta` *Transpak Overseas Removals Limited*;

9.3. Illi l-permess moghti ghall-bini tal-mahzen fuq riferit kien jinkludi wkoll appartamenti uzati bhala ufficini, (ara foll 45);

9.4. Illi l-fond in dizamina kien jibqa` sejjer sa' Sqaq Rjallu, il-Fgura, (ara foll 45);

Ikkunsidrat:

10. Illi r-rikorrenti ssostni li kienet saret taf bl-espropriju in dizamina minghand il-mama` taghha, (ara foll 39 u 174);

11. Illi meta sussegwentement ir-rikorrenti kellmet lil huwha William, dan kien infurmha li meta hu kien fetah kawza fir-rigward, kien inavvertitament naqas milli jinkludiha, (ara foll 39 u 174);

12. Illi l-process tal-espropriju tal-parti tal-proprjeta` in dizamina inbeda fuq talba tal-familja Bonello *stante* li kellhom access limitat hafna ghall-proprjeta` taghhom min-naha ta' sqaq Rjallu, il-Fgura, (ara foll 262 u 263);

13. Illi permezz ta' ittra datata t-18 ta' Jannar, 2011, *Transport Malta* talbet lill-Kummissarju tal-Artijiet biex l-art meritu tal-procedura odjerna hemm indikata tigi esproprijata, (ara foll 120);

14. Illi in vista tal-premess il-familja Bonello giet mitluba biex tinforma lis-sid tal-art *de quo* li kienu jixtiequ jaslu fi ftehim ghax-xiri tal-art in kwistjoni u li jekk ma jintlahaqx ftehim, jinfurmah ukoll li l-art in kwistjoni kienet ser tigi espproprijata, (ara foll 118);

15. Illi l-awspikat ftehim ma jirrizultax li ntlahaq, (ara foll 123);

16. Illi sussegwentement id-Dipartiment tal-Artijiet u l-kjamati in kawza Bonello ffirmaw kuntratt t'obbligazzjoni datat it-12 t'Ottubru, 2011, biex l-art in dizamina tigi espproprijata, (ara foll 125);

17. Illi in effetti l-art *de quo* giet regolarment espproprijata permezz t'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern datat l-11 ta' Jannar, 2012, (ara foll 128);

18. Illi ghall-partijiet kollha involuti sa dak il-mument l-impressjoni li kollha kellhom kienet illi s-sid tal-proprjeta` in kwistjoni kien William Vella biss li anke eventwalment intavola procedura in kontestazzjoni ghall-istess li eventwalment kienet itterminata konklussivament mill-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza datata l-31 ta' Mejju, 2013, (ara foll 192);

Ikkunsidrat:

19. Illi l-esproprju in dizamina jirrigwarda porzjon art ta' kejl ta' disa' u tletin (39) metru kwadru, (ara foll 128);

20. Illi r-rikorrenti ssosstni li kienet infurmata b'dan ferm wara l-wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill-avviz *de quo*, u dan, minn membru tal-familja taghha u mhux mill-Kummissarju tal-Artijiet, (ara foll 39 u 174);

21. Illi ghalhekk it-terminu ghall-impunjazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-espropriju kien lahaq ghadda inezorabilment;

Ikkunsidrat:

22. Illi minkejja li l-espropriju in dizamina kien sar ghal skop pubbliku, l-istess art qeghda tigi effettivament akkwistata ghall-beneficcju ta' terzi, (ara foll 2);

23. Illi *di piu`* ir-rikorrenti tallega wkoll diskriminazzjoni kontriha ghaliex fl-istess sqaq hemm ukoll proprjeta` ta' terzi li ma gietx espropriijata;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi l-porzjon art in dizamina, (39 metru kwadru), kien ukoll suggett ta' kawza kostituzzjonali fl-ismijiet **William Vella *proprio et nomine et* vs. Kummissarju tal-Artijiet**, li fiha:

24.1. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimati li ma kienx hemm l-ezawriment tar-rimedji ordinarji;

24.2. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Prim' istanza, (ara foll 192);

Ikkunsidrat:

25.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li r-rikorrenti ghandha qabel xejn ggib prova tat-titolu taghna fuq il-proprjeta` in dizamina, jinghad sintetikment is-segwenti:

25.1. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Cecil Pace *proprio et nomine et* vs. Emanuel A. Bonello *proprio et nomine***, datat l-**24 ta' Settembru, 2004**, **il-Qorti tal-Appell** rriteniet is-segwenti:

> "Huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistitwixxi procedura gudizzjarji kontra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-

detentur jew li lilu jkun misthoqq. (ara **Anna Attard *et nomine* vs. Rev. Patri Serafin Abela *nomine et*, Prim' Awla, 12 ta' Dicembru, 2011**). Fl-assenza ta' dan ir-rekwizit ma jistax jinghad li l-attur ikollu interess li jistitwixxi dik l-azzjoni u bhala konsegwenza l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu jigi ritenut bhala mhux il-legittimu kontradittur";

25.2. Illi fil-kawza **Alex Mangion vs. Anthony Cilia Pisani** bhala *Chairman* u in rapprezentanza tal-*Main Committee* ta' ***The Marsa Sports Club***, datata l-**20 ta' Mejju, 2004, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili** rriteniet li:

"Biex tigi ezercitata azzjoni, l-attur irid ikollu interess guridiku fil-prosegwiment ta' dik il-kawza, liema interess irid ikun jezisti fil-bidu tal-kawza u jipperdura tul is-smigh tal-kawza. (**Laferla vs. Lauri** deciza minn **din il-Qorti** fit-**2 ta' Mejju, 2002**). Kif qalet l-**Onorabbli Qorti tal-Appell** fil-kawza **Goggi vs. Mifsud**, deciza fil-**11 t'April, 1930**, ghalkemm il-kodici taghna m'ghandux provediment li jittratta l-htiega ta' interess, din il-htiega tista` tigi desunta mill-artiklu 236, li jitkellem fuq dritt ta' appell "minn kull min ikollu interess", u mill-artiklu 960, li jitkellem fuq l-intervent f'kawza *in statu et terminis*, fiz-zewg kazi, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili";

Ikkunsidrat:

26.0. Illi rigward it-tehid ta' proprjeta` *ai termini* tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jinghad sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi l-artiklu *de quo* jipprotegi lis-sidien ta' proprjeta` mit-tehid forzuz mill-Istat fil-limiti tal-kundizzjonijiet hemm elenkati;

26.2. Illi ghalhekk, tenut kont li l-godiment tad-dritt tal-proprjeta` hu tutelat bl-imsemmi mod hu wkoll meqjuz bhala rekwizit imprenxindibbli li r-rikorrenti trid tipprova d-dritt taghha minnha vantat fuq il-proprjeta` in dizamina;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti naqset li tipprova t-titolu taghha billi:

27.1. La pprezentat it-titolu li kellu missierha; u

27.2. Lanqas ipprezentat xi prova rigwardanti s-sehem taghha minn dan it-titolu minnha vantat;

28. Illi l-kuntratt datat it-8 t'Ottubru, 2010, (ara foll 179), hu kuntratt t'akkwist mill-Gvern u mhux kuntratt li jirrigwarda l-proprjeta` mertu tal-kawza – senjatament mhux rigwardanti il-mahzen fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

29. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ir-rikorrenti ma jirrizultax li ghandha l-interess guridiku rikjest biex hi tkun tista` tirradika din il-kawza *stante* li naqset tipprezenta l-prova mehtiega skont il-ligi biex tipprova li ghandha interess guridiku fir-rigward;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti rigwardanti l-ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni *de quo* jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Residual Limited vs. Kummissarju tal-Artijiet,** datata iz-**19 t'Ottubru, 2011, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)** irriteniet is-segwenti fir-rigward ta' dan l-artiklu partikolari li hu intiz specifikatament:

> "... to the peaceful enjoyment of possessions the right to have, to use, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one's possessions. As the Court said in the Marks case u article 1 "is in substance guaranteeing the right to property". Enjoyment is protected principally against interference by the State". (Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, E. Van Djke, G.J.H. Van Hoof, second edition, p. 516 *et sequitur*);

31. Illi biex japplika l-artiklu in dizamina r-rikorrenti trid qabel xejn tipprova li ghandha l-pussess tal-proprjeta` in dizamina;

32. Illi hu biss wara li tigi stabbilita tali prova rigwardanti l-pussess li allura jissussisti l-interess guridiku vantat, li jippermetti lir-rikorrenti tintavola l-kawza odjerna;

33. Illi f'dan ir-rigward hi l-istess rikorrenti li fid-dikjarazzjoni guramentata taghha li ssostni li effettivament il-mahzen in mertu qieghed jintuza "... mill-kumpanija Traspak bil-kera u ghadha tigi hekk uzata sallum", (ara foll 39);

34. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti naqset milli tipprova li kellha l-pussess jew id-dgawdija tal-mahzen *de quo* biex b'hekk mhux possibli li teradika l-kawza odjerna fejn tallega l-ksur tal-artiklu konvenzjonali *de quo*;

Ikkunsidrat:

35. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprovat li ghandha dak l-interess guridiku necessarju biex teredika l-proceduri odjerni u dan, *stante* li naqset li tipprova d-dritt meqjus necessarju rigward il-proprjeta` in dizamina;

36. Illi *di piu`*, jigi wkoll sottolineat li l-istess rikorrenti naqset li tipprova r-rabta li hi ghandha mal-mahzen in dizamina, liema ness hu necessarjament mehtieg biex it-talba tar-rikorrenti tkun tista` tigi ezaminata fid-dawl tal-Konvenzjoni in dizamina;

**DECIDE:**

37.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti:

37.1. Takkolji r-risposta preliminari tal-intimati li r-rikorrenti m'ghandiex interess guridiku biex tippromwovi l-procedura odjerna;

37.2. Tillibera ghalhekk lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju;

37.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**